

Kummenti tal-KEPD dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tiffaċilita l-iskambju transkonfinali ta' informazzjoni fir-rigward ta' reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq

F'Lulju 2014, il-KEPD ġie kkonsultat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 28(2) tar-Regolament 45/2001 dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tiffaċilita l-iskambju transfruntier ta' informazzjoni fir-rigward ta' reati tat-traffiku relatati mas-sikurezza fit-toroq (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-Proposta')¹.

Il-Proposta tissostitwixxi d-Direttiva 2011/82/UE adottata fil-25 ta' Ottubru 2011 mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li ġiet annullata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea minħabba bażi legali żbaljata². Il-Qorti kkonkludiet li, peress li kemm l-iskop kif ukoll il-kontenut tad-Direttiva kellhom l-għan li jtejbu s-sikurezza tat-trasport, l-Artikolu 87(2) TFUE dwar il-kooperazzjoni tal-pulizija ma setax jipprovi bażi legali valida għad-Direttiva. Għaldaqstant, issa din il-Proposta hija mressqa bil-għan li tissaħħaħ il-miżura dwar il-bażi legali t-tajba tal-Artikolu 91 TFUE dwar it-trasport.

I. KUMMENTI ĠENERALI

Nilqgħu l-konsultazzjoni tal-KEPD f'dan l-istadju tal-proċedura u li saret referenza għal dan fil-premessi³.

Il-Proposta hija kważi l-istess bħad-Direttiva annullata, ħlief dawk il-bidliet legali li saru neċessarji minħabba l-korrezzjoni tal-bażi legali. Fl-2008, il-KEPD ħareġ Opinjoni dwar il-proposta oriġinali għal Direttiva li tiffaċilita l-infurzar transkonfinali fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq⁴. Fit-test finali tad-Direttiva, kif adottata fil-25 ta' Ottubru 2011, ġew ikkunsidrati wħud mir-rakkomandazzjonijiet tagħna iżda mhux kollha kemm huma. Konsegwentement, peress li din il-proposta hija kważi l-istess bħad-Direttiva annullata, inqisu li r-rakkomandazzjonijiet ulterjuri li għamilna fl-Opinjoni tagħna fl-2008 jibqgħu validi.

F'dan ir-rigward, nosservaw b'sodisfazzjon li l-premessi 14, 19, 20, 21, 22, 23 jirriflettu r-rakkomandazzjonijiet li għamilna fl-Opinjoni tagħna u li l-Artikolu 7 huwa ddedikat għall-protezzjoni tad-data.

II. LIĠI APPLIKABBLI DWAR IL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Nilqgħu r-referenza fil-premessa 23 tal-Proposta għad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji rikonnoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, inklużi dawk stipulati fl-Artikolu 7 u 8 tal-Karta fir-rigward tar-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja u l-protezzjoni ta' data personali.

¹ COM(2014) 476 finali.

² C-43/12, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, 6 ta' Mejju 2014.

³ Premessa 27.

⁴ Opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tiffaċilita l-infurzar transkonfinali fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq tat-8 ta' Mejju 2008.

Nilqgħu wkoll il-fatt li tiddikjara li d-Direttiva trid tiġi implimentata skont dawn id-drittijiet u l-prinċipji. Tabilħaqq, kwalunkwe pproċessar ta' data personali fil-qafas tal-Proposta jrid jikkonforma mal-elementi essenzjali stipulati fl-Artikolu 8 tal-Karta, li jinkludu (i) id-dritt li d-data tiġi pproċessata b' mod ġust għall-iskopijiet speċifikati u fuq bażi leġittima, (ii) id-dritt ta' aċċess għad-data personali proprja u li tiġi rrettifikata, u (iii) superviżjoni minn awtorità indipendenti. Il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 8 tal-Kapitolu huma elaborati iktar u speċifikati fil-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE dwar id-dritt għal protezzjoni tad-data.

F'dak ir-rigawrd, nosservaw li l-premessa 21 u l-Artikolu 7 tal-Proposta jirreferu għall-applikabbiltà tad-Direttiva 95/46/KE għad-data pproċessata u skambjata bejn l-Istati Membri fil-qafas tal-Proposta. Dan huwa differenti mid-Direttiva annullata li, fid-dawl tal-bażi legali tal-kooperazzjoni tal-pulizija tagħha, irreferiet għall-applikabbiltà tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI fir-rigward tal-protezzjoni tad-data skambjata fil-kuntest tad-Direttiva. Nifhmu li r-referenza għal-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data nbidlet minħabba l-bidla fil-bażi legali tal-Proposta.

Nilqgħu r-referenza fl-Artikolu 7 għall-applikabbiltà tad-Direttiva 95/46/KE. F'dan ir-rigward ta' min jinnota li l-attivitajiet ta' pproċessar previsti fil-qafas tal-Proposta normalment ikunu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 95/46/KE, ħlief għal uħud minnhom li jistgħu jkunu soġġetti għal regoli speċifiċi inklużi d-Deċiżjonijiet ta' Prüm 2008/615/ĠAI u 2008/616/ĠAI u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI⁵. Madankollu, nemmnu li r-referenza fl-Artikolu 7 għad-Direttiva 95/46/KE hija xierqa u li l-attivitajiet ta' pproċessar kollha involuti għandhom jirrispettaw l-obbligi tal-Artikolu 8 tal-Karta, li jridu jiġu interpretati fid-dawl ta' regoli iktar dettaljati b' mod partikolari daww stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE.

F'dan ir-rigward, nilqgħu wkoll il-fatt li l-Artikolu 7 jeħtieġ b' mod espliċitu, fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu, li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-individwi jinżammu informati kif xieraq dwar id-data trażmessa dwarhom (inkluża d-data tat-talba u l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn sar ir-reat), li jiġi stabbilit limitu ta' żmien għall-ħżin tad-data, u li d-data tiġi rrettifikata, titħassar jew tiġi mblokkata fi ħdan perjodu ta' żmien xieraq, b'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 95/46/KE.

III. KUMMENTI SPEĊIFIĊI

Rigward il-lista ta' reati kkonċernati, nosservaw li issa hemm erba' reati oħrajn ikkonċernati mill-iskambju ta' data⁶. Nafu li dawn ir-reati diġà żdiedu għat-test matul il-proċedura leġiżlattiva u n-negożjati li saru qabel ġiet adottata d-Direttiva 2011/82/UE. Madankollu, nirrakkomandaw li fil-premessi tiżdied ġustifikazzjoni tal-ħtieġa li dawn ir-reati jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Proposta peress li din l-inklużjoni twassal sabiex tiġi pproċessata d-data personali ta' iktar individwi u jidher li ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt f'dan ir-rigward.

Magħmul fi Brussell, 3 ta' Ottubru 2014

Peter HUSTINX
Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

⁵ Dan ser jiddependi mill-għamla tal-awtorità kompetenti (korp amministrattiv vs pulizija u awtoritajiet ġudizzjarji) u t-tip ta' data kkonċernata.

⁶ Ara l-Artikolu 2 tal-Proposta rigward il-kamp ta' applikazzjoni tagħha.